**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 9059/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo Dalli**

Illum, 25 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmelo Dalli, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 437259M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Jannar 2023 għall-ħabta ta' 12:30hrs fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Luqa:

1. Saq vettura nru BCA-047 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;
2. Saq vettura nru BCA-047 meta kellu l-liċenzja tas-sewqan sospiża u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 08/02/2022 mill-Magt. Dr V. Axiaq LL.D;
3. Saq vettura nru BCA-047 mingħajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni dwar ir-riski ta' terzi persuni;
4. Għamel uzu minn marka ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dik mogħtija mill-awtorita' għat-Trasport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

5. Biddell, irranġa mill-ġdid jew ħassar marka ta' reġistrazzjoni ta' vettura fuq l-imsemmija vettura nru BCR-047 jew xort'oħra bagħbas mal-pjanċi tar-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur;
6. Kif ukoll sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 08/02/2022 mill-Maġ. Dr V. Axiaq liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mħassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Ottubru 2024, fejn il-Qorti lliberat lill-imputat mill-akkużi numru 4, 5 u 6 fuq nuqqas ta' provi u sabitu ħati tal-ewwel tlett akkużi (Kap 65 Art 15(1)(a), Kap 65 Art 59, Kap 104 Art 3(1)) u mponiet piena karċerarja ta' sitt (6) xhur u skwalifikatu milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' 36 xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmelo Dalli, ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

1. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn huwa ġie ddikjarat mhux ħati tar-4, 5 u 6 imputazzjoni u konsegwentement ġie lliberat minn dawn l-imputazzjonijiet;
2. Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati tal-1, 2 u 3 imputazzjoni u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-liġi;
3. Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-ewwel aggravju kontenut fir-rikors ta'l-appell jattakka l-valur probatorju ta'l-*affidavit* tal-uffiċjal tal-pulizija li kien qed jinvestiga il-każ ippreżentat mill-Prosekuzzjoni u dan għaliex fit-timbru tal-ġurament ma hemmx indikat il-lok fejn dan kien amministrat u allura, jikkontendi l-appellant, ma kienx hemm osservanza ta' dak dispost fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 79 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jargumenta għalhekk illi ghal dan il-motiv l-*affidavit* huwa monk u inammissibbli u għandu jkun sfilzat.

Illi, minn eżami tal-imsemmi *affidavit* kontenenti x-xiehda ta' PS 1258 Carmel Debattista, mit-timbru li hemm fuq l-istess *affidavit* hemm indikat l-isem tal-kummissjonarju li amministra l-ġurament, u ċioe' "*PS 2110 Maria Scicluna*", u d-data ta' meta dan seħħ u ċioe' it-"*23 Jan 2023*". L-uniku aċċenn għall-lok fejn ix-xhud ingħata il-ġurament huma l-kliem "*Malta Police*". Dan magħdud, madanakollu huma evidenti minn eżami tal-parti ta' isfel nett ta' l-istess *affidavit* is-segwenti kliem:–

> **Konfermata bil-ġurament quddiemi wara li vverifikajt l-identita' tal-persuna**
>
> **Kummissarju b'setgħa li jagħti ġurament**
>
> **Data:-**
>
> **Lok:- Traffic section**

Illi, għalhekk, għalkemm fuq it-timbru il-lok fejn ġie amministrat il-ġurament lil PS 1258 huwa nieqes, mill-*affidavit* innifsu, jemerġi li dan ingħata ġewwa is-Sezzjoni tat-Traffiku tal-Pulizija. Għalhekk din l-Qorti, mingħajr tlaqliq, hija tal-fehma li l-istess *affidavit* huwa magħmul regolarment u skond il-liġi u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni li tista' twassalha twarrab din l-evidenza meta tiġi biex tqis l-aggravji imqanqla mill-appellant.

Illi, *in oltre*, issir referenza għall-Artikolu 360A tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jfassal l-proċedura li trid tiġi segwita fir-rigward ta' *affidavits* ppreżentati fi proċeduri sommarji bħal dawk odjerni:–

**(1) Fi proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt l-artikolu 370(1) il-Pulizija tista', flimkien maċ-ċitazzjoni jew f'kull waqt li jiġi wara, tinnotifika lill-akkużat kopji ta' kull affidavit magħmul minn uffiċjal pubbliku jew minn impjegat jew uffiċjal ta' korp magħqud imwaqqaf b'liġi jew minn rappreżentant ta' xi intrapriża, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi u li għandu jinġieb bħala xhud tal-prosekuzzjoni f'dawk il-proċeduri kif ukoll dokumenti li jkunu se jinġiebu bħala provi fl-istess proċeduri, u jekk l-akkużat ikun irid jagħmel kontro-eżami lil xi persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi, huwa għandu, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata qabel l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, javża b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra reġistrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fil-proċeduri:**
**Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu il-kelma"dokument" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 558**
**Iżda wkoll meta jirriżulta li ma kienx possibbli għall-imputat li jagħti avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija fiż-żmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviż li huwa jkun jixtieq jagħmel il-kontro-eżami jista' jingħata matul l-ewwel seduta li tiġi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema każ il-persuna li għandu jsirilha l-kontro-eżami għandha titħarrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss.**

**(2) Il-persuna li kellha l-affidavit tagħha notifikat lill-akkużatkif provdut fis-subartikolu (1) ma għandhiex titħarrek biex tixhed fil-proċeduri jekk l-akkużat jonqos milli jagħti avviż tal-ħsieb tiegħu li jagħmel kontro-eżami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit għandu jkun ammissibbli bħala prova b'xiehda tal-kontenut tiegħu f'dawk il-proċeduri bl-istess mod bħallikieku kien xiehda mogħtija viva voce fil-preżenza tal-akkużat.**

Illi, l-appellant qatt ma talab sabiex PS 1258 jittella' jixhed in kontro-ezami sabiex jiġi mistoqsi dwar il-kontenut tal-*affidavit* magħmul minnu. Għalhekk, ai termini tal-Artikolu 360A(2) tal-Kodiċi Kriminali appena ċitat, l-*affidavit* ippreżentat mill-istess uffiċjal tal-Pulizija huwa meqjus bħala prova ammissibbli tal-kontenut tiegħu f'dawn il-proċeduri bl-istess mod daqslikieku x-xhud xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Ma jistax l-appellant issa fi stadju ta' reviżjoni jattakka prova li għoġbu jistrieħ fuqha quddiem l-Ewwel Qorti, mingħajr ma jqanqal ebda eċċezzjoni fir-rigward tal-valur probatorju tad-dokument u jħalli kollox għaddej u iqanqal din l-eċċezzjoni fi stadju inoltrat tal-proċeduri meta allura l-Prosekuzzjoni ma tistax tagħmel il-prova sabiex tirribatti l-argument imqanqal mid-difiża. Għaldaqstant, l-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju tal-appellant ma jistħoqqlux akkoljiment u dan għaliex *ictu oculi* mid-

dokument innifsu huwa evidenti li l-kontenut ta'l-istess kien ikkonfermat bil-ġurament quddiem uffiċjal tal-pulizija li għandu is-setgħa li jagħti il-ġurament bil-ħin u l-lok indikati fuq l-imsemmi affidavit u kwindi ma hemm ebda motiv li jista' iwassal sabiex din l-evidenza titlef il-valur probatorju tagħha.

Għalhekk, għal motivi premessi, l-aggravju tal-appellant fir-rigward tal-valur probatorju ta' dan l-*affidavit* qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, għalkemm l-appellant ma ressaqx aggravju *ad hoc* dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, madanakollu għamel aċċenn għal dan fl-ewwel aggravju tiegħu u għalhekk, fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina l-provi mressqa bil-għan li tagħmel; dak li huwa fis-setgħa tagħha bħala qorti ta' reviżjoni u ċioe' illi tqis minn din l-evalwazzjoni minnha magħmula jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġonevolment u legalment validu[1].

Illi, mill-*affidavit* ta' PS 1258 Carmel Debattista, jirriżulta li nhar it-18 ta' Jannar 2023, għall-ħabta ta' 12:30hrs l-istess PS 1258 waqqaf vettura tal-għamla VW Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni BCR047 fuq suspett li l-pjanċi ta' wara tal-vettura ma kenux konformi mal-liġi. PS 1258 għamel sinjal lix-xufier, li rriżulta li kien l-appellant, sabiex jipparkja mal-ġenb, fejn ġie konstatat minnu illi is-sewwieq ma kellux liċenzja tas-sewqan. Dana ġie sussegwentement ikkonfermat permezz ta'l-*affidavit* redatt minn Karin Maria Cremona, in rappreżentanza ta' *Transport* Malta fejn stqarret li:

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

> "**Carmelo Dalli ... fit-18 ta' Jannar 2023 ma kellu l-ebda kategorija ta' liċenzja tas-sewqan Maltija**".

*In oltre*, l-appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex juri illi s-sewqan tiegħu tal-vettura kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni valida fil-ħin ta' meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija. Finalment, mix-xhieda tad-Deputat Reġistratur Yesenia Maria Pace irriżulta li nhar it-8 ta' Frar 2022, l-appellant kien misjub ħati fi proċeduri separati fuq akkużi identiċi u kien weħel il-piena tal-multa kif ukoll is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal tmintax-il xahar. Irriżulta ukoll li ma kien interpost ebda appell minn tali sentenza. Għalhekk dan kollu jwassal sabiex din l-Qorti tkun moralment konvinta li ma hemm xejn sindikabbli fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant ħati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih.. Għalhekk, anke dan l-aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju mressaq minnu, l-appellant jilmenta li s-sentenza appellata mhix ċara dwar jekk "*il-piena karċerarja ta' sitt xhur*" humiex effettivi jew sospiżi.

Illi, din l-Qorti mhux ser tiddilunga wisq fuq dan l-aggravju stante li mill-parti deiżorja tas-sentenza appellata jidher ċar li s-sentenza ta' priġunerija mposta fuq l-appellant kienet waħda ta' inkarċerazzjoni effettiva. Għalhekk, anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fil-fatt il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti huwa dwar il-piena erogata fil-konfront ta'l-appellant ta' sitt xhur priġunerija. L-appellant jisħaq li priġunerija f'dan il-każ mhix il-piena idoneja u multa kienet tkun ferm aktar denja.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li

l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2].

Illi, l-piena mposta fuq l-appellant ta' sitt xhur priġunerija hija dik ikkontemplata fl-artikolu 59 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u hija fil-massimu tagħha, fejn l-appellant kien mixli li saq vettura meta kien hemm fuq saqajha sentenza fil-konfront tiegħu li ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan. Mhux biss iżda l-appellant kien misjub ħati ukoll li saq vettura meta din ma enitx koperta b'polza ta'l-assigurazzjoni Illi minn daqqa t'għajn lejn il-fedina penali tal-appellant jirriżultaw mhux inqas minn ħames kundanni fil-konfront tiegħu ta' sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan u/jew mingħajr assigurazzjoni fejn f'kull każ huwa weħel il-piena tal-multa jew dik alternattiva għal priġunerija effettiva. L-appellant donnu ma jafx joqgħod għall-ordnijiet tal-qorti u għoġbu jsuq vettura saħansitra f'perijodu meta huwa kien skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan, bil-konsegwenza allura illi is-sewqan tiegħu lanqas kien kopert b'polza ta'l-assigurazzjoni. Għalhekk jidher biċ-ċar li huwa għażel li ma jitgħallimx mill-izbalji tiegħu biex b'hekk fil-każ odjern ċertament li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda meritata. Għaldaqstant din l-Qorti tqis li ma hemm xejn sindikabbli fl-istess. Dan iwassal sabiex anke l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi l-iskwalifika tal-liċenzja tiegħu tibda' tiddekorri minn għada fid-disgħa ta' filgħodu.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.